*Niftakru.....u nsellmu*

## *20 SENA MINN MEWTU - DUN KARM GALEA:*

**Bniedem sempliċi, Saċerdot umli u twajjeb.**



Imwieled fl-1923, kien bniedem li jagħmilha ma' kulħadd, u kien maħbub għas-sempliċita li biha kien imżejjen. Dun Karm iben Fredu w Katarin kellu ħuħ ieħor, Salvu, li sfortuntament kien fost il-vittmi li mietu fit- 2 ta' Mejju 1946, meta fit-tieni Gwerra Dinjija, kienet waqgħet bomba fil-pjazza. Dakinhar Dun Karm assista lil ħuħ, billi l-Verbum Dei li kien libes, poġġieha fuq ħuħ. Dun Karm ħa l-Ordni Sagri fl- 1951. Missieru miet sitt xhur qabel ordna. L-ewwel quddiesa solenni ċċelebraha fil-Knisja Parrokkjali fis- 16 ta' Settembru 1951.

Dun Karm kien ukoll umli. Jekk sempliċiment kont tgħidlu: '*ara Dun Karm, dik il-ħaġa, naħseb li jekk tiġi hekk*' jew per eżempju 'aħjar tgħid hekk'-. Kien jaċċetta, u kien jurik li apprezza l-parir li tkun tajtu. U la qed insemmi l-parir, meta xi ħadd kien jitolbu xi parir, dlonk kien jgħidlek '*agħtini ċans nitlob ħalli nara l-Ispirtu t'Alla xi jnebbaħni*'. Kien jikkonsulta spiss ma' Dun Salv Grima, għal xi parir ta' ċertu stoffa. Dun Karm kien bniedem li jħobb jaqra ħafna, l-aktar qari spiritwali. Il-Quddiesa cantata li kienet tkun nhar ta' Ħadd fid- 9:00Am, tista tgħid, dejjem kien iqaddisha hu, u l-Omeliji tiegħu kienu sempliċI u prattiċi. Għdni nisma' dik it-tektika ta' difru, mal-leġiju ta' l-Ambone, biex jiġbed l-attenzjoni ta' min kien jarah mhux attent għal dak li kien ikun qed jispjega, għaliex l-element ta' għalliem (kif fil-fatt kien fl-iskola Primarja taż-Żurrieq, fejn kien hemm bħala surmast id-dramaturgu Francis Ebejer) kien fih .. u kien ukoll joħorġu waqt l-Omelija.

Il-Funzjonijiet Liturġiċi kien iħobbhom. Dejjem kien jattendi għal kwalunkwe funzjoni li kienet issir. Anke' fil-Purċissjonijiet kont tarah jieħu sehem, minkejja id-diżabilita li kellu f'siequ, li kien ġarrab kawża ta' murtal tal-festa. Min ma jiftakrux idur mar-raħal, issa jiġbor għall festa ta' San Mikiel, issa għal tar-Rużarju, issa għal ħaġa u issa għall-oħra. It-tjubija tiegħ u kont tmissha b'idejk. Dun Karm kien bniedem ċajtier u soċjevoli, iżda daqshekk ieħor kien sensittiv. Meta xi ħadd kien jindirizzah b'xi kelma jew aġġettiv li ma kienux jixirqulu - kemm bħala bniedem u aktar u aktar bħala saċerdot, Dun Karm kien iweġġa'. Dun Karm kien jibki (fil-veru sens tal-kelma) fis-skiet.



Dun Karm kien Prokuratur ta' l-Artal ta' San Ġużepp li għandna fil-Knisja Parrokkjali. Kellu devozjoni speċjali lejn dan il-Qaddis. Kien jieħu ħsieb ukoll il-Kappella tas-Salvatur. Il-Festa kien jagħmilha fil-jum liturġiku tagħ ha - is- 6 t'Awwissu, u kien iġib lil Frankie Diacono u xi żewġ vuċijiet għall-quddiesa tal-festa. Wara kien jeħ odhom id-dar tiegħu għal xi ħaġa tajba ta' l-okkażjoni. Il-Festa kien jagħmilha wkoll bil-funzjoni tal-għasar sa minn lejlieta, u matul is-sena l-funzjonijiet kollha kien jagħmel għan-nies ta' dik l-akwata, b'mod speċjail kellu f'moħħu lil dawk x-xjuħ li ma kienux kapaċI jitilgħu sal-Knisja. Biex tieħu ħsiebu kellu lil Ġustina, Mart Ġanni l-Ex Sagristan, u meta kienet tagħtih xi opinjoni jew ideja



dwar dak li jgħidilha, kien itennilha '*int tgħallimni*'. Meta kien l-Isptar u kienet tkun ħdejh (kienet tmur tarah regolarment) u jinzerta mar xi ħadd jarah, lil min ikun mar iżuru kien jgħidlu b'ċajta '*din it-tifla tiegħi*'. Lejn l-aħħar ta' ħajtu ma kienx jista' joħroġ, allura lil Ġustina kien iċemplilha u jitlobha tmur sa fejnu biex joqgħodu jitkellmu xi ftit - u kien isib serħan.

Dun Karm kien dilettant tal-festi, u l-arbli li kellu fuq il-bejt (kien joqgħod fi sqaq il-Vittorja fid-dar li fiha kien joqgħod Dun Mab) kont tarah bil-bnadar iperpru. Minkejja li kien adult, kellu qalb tenera, bħal ta' tifel żgħir. Dun Karm miet fit- 13 ta' Novembru 1990, fix-xahar ta' Santa Katarina, li tant kien iħobb u jqim b'għożża kbira, tant li ta' kull sena fil-festa tagħha kien jistampa xi sunett (li kien jikteb huwa stess) liema sunett kien jitqassam waqt l-quddiesa solenni tal-festa. Mitt sitt ijiem biss qabel il-festa liturġika tal-padruna tagħna. Min jaf, forsi l-Mulej minn dik is-sena riedu jiċċelebra l-festa magħqud mal-Patruna Ommna Santa Katarina V.M.

Dun Karm ma jinteshiex!

**P.S. Grazzi lis-Sinjura Ġustina Abela u lis-Sur Joseph Mercieca għal xi dettalji li għoġobhom jagħtuni.**

**Frans Zahra.**